MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru 117/2011

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)

vs

Henry Anthony Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ numru tal-karta ta’ l-identita’ 568541 M u nakkuzah talli:

- Nhar l-1 ta’Lulju 2009, f’dawn il-Gzejjer u cioè’ gewwa l-fond HIX Travel, Ix-Xatt ta’ Qui Si Sana Tas-Sliema, approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè is-somma ta’ elfejn u tmienja w erbghin Ewro u hamsa w

sittin centezmu (Ewro 2048.65c), ghad-detriment ta’ Mario Bugeja u/jew ta’ persuni ohra, liema flus kienu gew fdati lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni , kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

- Ukoll talli sirt recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilek mill-Qorti ta’ Malta nhar is-27 ta’ Frar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tigi mibdula jew mhassra;

- Finalment talli kkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilek mill-Qorti ta’ Malta nhar is- 27 ta’ Frar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tigi mibdula jew imhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat ic-certifikat tal-mewt tal-imputat ipprezentat illum mill-prosekuzżjoni;

Stante il-mewt tal-imputat fil-mori tal-kawza tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------